**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 11 ta' Gunju 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 305/2018 JPG**

**Kawza Nru.: 4**

**SC**

**Vs**

**NPT***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SC datat 26 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata l-esponenti kellu tifel li jismu AC u li twieled fil- X.*

*Illi l-istess minuri jabita esklussivament mieghu u l-istess SC jiehu hsieb wahdu il-bzonnijiet kollha tal-minuri, kemm dawk personali, edukattivi, ta'sahha u kull bzonn iehor u dan peress li l-intimata ma tabitax mal-esponent u ma binhom minuri.*

*Illi l-esponenti qieghed jipprezenta kopja tal-FS3 li turi d-dhul fis stieghu ghalkemm dan id-dhul bhalissa naqas minhabba li naqsu l-hinijiet tax-xoghol. Hafna drabi huwa jinhtieglu li jissellef jew jinghata flus addizjonali mill-genituri tieghu sabiex ilahhaq mal-ispejjes tax-xahar.*

*Illi peress li r-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat huwa xtaq li jirregola r-relazzjoni d-drittijiet u l-obbligi tieghu versu l-istess wild tant illi huwa diga' nghata pendente lite l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri AC kif ukoll il-fakolta' u l-awtorita' li jiehu kull decisjoni wahdu u dan stante li l-intimata ma pprezentatx risposta minkejja*

*li kienet notifikata.*

*Illi peress li sallum minkejja diversi tentattivi biex jilhaq ftehim mal-intimata dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, baqa ma ntlahaqx ftehim anke peress li l-mittenti ma kienitx tattendi l-anqas ghal diversi seduti tal-medjazzjoni u ghalhekk iz-zewg medjazzjonijiet kellhom jinghlaqu minghajr ftehim u ghalhekk permezz ta' digriet datat 10 t'Ottubru 2018, ir-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi b'dan ir-rikors gurament;*

*Illi r-rikorrenti huwa konvint li l-intimata ma ghandhiex interess u dan urietu b'diversi modi anke fil-proceduri ta' quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi anke peress li l-intimata ma taghtix kaz lill-minuri u anqas tipprova tarah, l-esponenti kellu jaghmel dan ir-rikors sabiex b'mod konklussiv jirregola l-htigijiet legali tal-istess minuri peress li l-mittenti anqas tikkopera biex tiffirma passaport, u/jew kull dokument iehor li jkollu bzonn it-tifel minuri, tant li anke tellfitlu xi opportunitajiet ta'safar fuq sport.*

*Illi sahanistra gieli jghaddu diversi xhur u l-epsonenti anqas ikun jaf x'sar mill-intimata, jew fejn toqghod u anke meta mehtieg anqas ikun jista jirnexxielu jidhol f'kuntatt maghha anqas b'mod telefoniku jew b'email peress li tibqa ma twegibx l-istess.*

*Illi sahansitra zewg rikorsi pprezentati pendente lite baqghu mhux imwiegba mill-intimata minkejja li debitament notifikata;*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Takkorda lir-rikorrenti l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ACu li twieled fil- X;*
2. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jiehu kull decisjoni ordinarja u/jew straordinarja li tikkoncerna l-istess minuri inkluz jekk hemm bzonn kul decisjoni dwar sahha, edukazzjoni u attivita extra kurrikulari, safar u anke jekk hemm bzonn li japplika, igedded jew ibiddel passaport f'isem l-istess minuri;*
3. *Tiffissa manteniment adegwat ghall-minuri AC liema manteniment ghandu jithallas mensilment mill-intimata lir-rikorrenti permezz ta' standing order gewwa l-kont*

*bankarju tiegħu u/jew billi jinqata' awtomatikament mill-paga tagħha mill-employer tagħha. Kif ukoll tħallsu nofs l-ispejjes ta' saħħa u edukazzjoni li minħabba pratticita ikun aħjar li jitħallasu b'mod fiss kull xahar bħala parti mill-manteniment jew b'kull modalita' jew mezz ieħor li jidhrilha aktar xieraq din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq il-Qorti għall-aħjar interess tal-istess minuri inkluż li tawtorizza fejn meħtieġ lir-rikorrenti sabiex jagħmel kull azzjoni meħtieġa.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' NPT datata 3 ta' Ġunju 2019, a fol 21 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma għandha l-ebda oġġezzjoni illi l-kura u kustodja tal-minuri AC tiġi affidata esklussivament f'idejn l-attur, stante illi hija tħoss illi dan huwa fl-aħjar interess ta' binha.*

2. *Illi l-esponenti taqbel mat-tieni talba u ma għandha l-ebda oġġezzjoni illi l-attur jieħu d-deċiżjonijiet sew ordinarji kif ukoll straordinarji relatati mal-minuri, inkluż tiġdid tal-passaport;*

3. *Illi l-esponenti ma għandha l-ebda oġġezzjoni li tivversa manteniment għal binha minuri, iżda fl-ammont ta' mhux aktar minn €100 stante li hija għandha bosta spejjeż u l-paga tagħha hija minima fl-ammont ta' €700 li minnhom trid tħallas kirja ta' €500 fix-xahar u trid tgħix bil-kumplament.*

Rat illi l-intimata tilfet kull kuntatt minn mal-avukat tagħha u għaldaqstant, l-istess avukat irrinunzja għall-patroċinju permezz ta nota datata 9 ta' Lulju 2020 (vide fol 49);

Rat illi l-intimata ingħatat il-fakolta li tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha (vide fol 52);

Rat illi l-intimata baqgħet inadempjenti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur SC xehed in ezami** nhar il- 21 t'Ottubru 2019 **a fol 26 et seq** fejn ppresenta serje ta' dokumenti u kkonferma l-istess bil-gurament tieghu, u *inter alia* ikkonferma rendikonti minnu preparati ghar-rigward l-ispejjes tieghu u dawk tal-minuri kemm fuq bazi mensili u kif ukoll fuq bazi annwali.[1] Jikkonferma illi l-ammont ta' € 200 minnu indikat jinkludi spiza ta' xahar u li l-ammont jinkludi affarijiet ghall-hajja bhal ikel ghall-minuri, ikel ghalih, u affarijiet tal-hasil. Jispjega illi kif jircievi l-paga huwa jmur jaghmel ix-xirja u li gieli l-ammont tal-ispiza ta' xahar tkun iktar minn € 200. L-attur ikkonferma bil-gurament tieghu l-*payslips* u l-FS3s minnu esebiti *a fol 6 et seq* tal-process.

Mistoqsi in **kontro-ezami** jekk id-dokument bit- titlu *monthly living costs* ikoprux l-ispejjes tal-hajja tieghu u tat-tifel, jikkonferma li jinkludu kemm l-ispejjes tieghu u kif ukoll dawk tal-minuri.

Mistoqsi in **re-ezami** jekk huwa indikax l-ispejjes relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri fil-prospett, jispjega li dawn mhumiex inkluzi fir-rendikont. Izid illi fir-rigward ta' spejjes ta' sahha, huwa ghandu *health insurance* li tkopri l-*fees* ta' GP imbaghad jifdallu jixtri l-medicina, u jikkalkula li huwa jinkorri circa € 200 fis-sena. Ghar-rigward spejjes edukattivi, jixhed illi dawna l-ispejjes ivarjaw, izda jikkalkula madwar € 30 fix-xahar li jammontaw ghal circa € 300 fis-sena.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza rigward il-kura u kustodja tal-wild minuri tal-partijiet, AC li twieldet fil-X u ghandu circa X snin, u l-manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimata lir-rikorrenti. Illi jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni u mill-liema relazzjoni twieled il-minuri AC. M'huwiex kontesta illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat, u li l-minuri qieghed prezentement jirrisjedu flimkien mal-attur missieru.

***Il-kura u kustodja tal-minuri:***

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija ggwidata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-

[1] Vide dokumenti DOK SCX1, a fol 29 et seq.

sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din ix-xorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri flisfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CD*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018 gie ritenut illi:

> ***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha lokkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma millġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.***

Il-Qorti tosserva illi l-intimata fir-risposta taghha rrilevat illi hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lill-attur u dana stante li hija thoss illi dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri. Hija taqbel ukoll illi l-attur ghandu jigi awtorizzat illi jiehu dawk id-decisjonijiet sew ordinarji u kif ukoll straordinarji, li jkunu jikkoncernaw lill-minuri, inkluz it-tigdid tal-passaport.

Il-Qorti tinnota ukoll illi mill- 15 ta' Jannar tas-sena 2020 ' l hawn, u cioe minn meta din il-Qorti kienet giet infurmata mill-Avukat difensur tal-intimata illi hija tilfet kull kuntatt minn mal-intimata, b'dana illi anke rrinunzjat ghall-patrocinju tal-istess, l-intimata qatt ma regghet dehret quddiema din l-Qorti. Illi minkejja li inghatat il-fakolta' li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, hija naqset ukoll milli taghmel dan. Il-Qorti nnotat d-disinteress totali da parti tal-intimata anke ghal dak li jirrigwarda l-affidabilita' tal-intimata bhala genitur, specjalment fl-isfond tat-talbiet tar-rikorrenti ghall-kura u l-kustodja esklussiva ta' binhom. Illi ulterjorment, il-Qort rat illi l-intimata fir-risposta taghha ma ghamlet l-ebda accenn jew talba formali sabiex

tinghata access versu binha.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fid-dawl ta' dan kollu, ikun fl-ahjar interess tal-minuri AC li l-attur missieru jkun fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi huwa jkun unikament responsabbli mid-decisjonijiet kollha rigwardanti l-istess minuri, inkluz u mhux limitatament ghall-hrug u tigdid tal-passaport tal-minuri.

Il-Qorti taghraf illi ghandha takkorda access tal-intimata ghal bintha ta' X darba fil-gimgha – cioe' kull nhar ta' Hamis bejn il-5.00pm u s-7.00pm.

***Rigward il-manteniment pagabbli mill-intimata***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Il-Qorti rat illi l-intimata fir-risposta guramentata taghha iddikjarat illi filwaqt li hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni li tivversa manteniment ghal binha minuri, hija mhiex f'qaghda finanzjarja li tivversa aktar minn € 100 u dana stante li hija ghandha bosta spejjes. Izzid illi l-paga taghha hija wahda minima fl-ammont ta' € 700 u li minnhom trid thallas il-kera tar-residenza taghha f'ammont ta' € 500 fix-xahar.

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet: ***Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Frar 2015

fejn inghad, u liema decisjoni giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016 illi l-Qorti m'ghandiex:

> ***"tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera."***

Il-Qorti tosserva illi ghajr ghal dak dikjarat fir-risposta guramentata, l-intimata ma prezentat l-ebda provi oggettivi ghar-rigward l-introjtu taghha, u l-ispejjes mensili taghha. Min naha tieghu l-attur ressaq provi rigward id-dhul u l-introjtu tieghu mill-impjieg tieghu. Fil-prospett minnu mhejji l-attur jelenka diversi spejjes fosthom *insurance, loan, fuel,* u *summer school* ghall-minuri. Illi ghalkemm l-attur isemmi dawna l-ispejjes, ma pprezenta l-ebda dokumentazzjoni sabiex jikkorabora l-ammont ta' spejjes imsemmija.

Illi ghalkemm il-minuri ghadu zghir, *ciononostante*, l-eta tenera tieghu necessarjament ggib maghha ammont sostanzjali ta' spejjes. Il-Qorti tfakkar li kif diga ritenut iktar qabel, l-obbligu tal-genitur li jmatni lill-uliedu huwa obbligu assolut li mhuwiex marbut ma' l-ebda impieg.[2] Illi fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis illi l-intimata ghandha tigi ordnata thallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment, liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimata mill-ispejjes edukattivi u medici u dana stante li kif irrizulta tul il-mori tal-proceduri, l-intimata hija piutost inaffidabbli tant li anke id-difensur taghha stess tilfet il-kuntatt maghha tant li rrinunzjat ghall-patroncinju tal-istess.Ghalhekk din il-Qorti tqis illi jkun ahjar li sehem l-intimata mill-ispejjes relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ikun prelikwidat. Il-Qorti tordna illi dan l-ammont ghandu jigi versat lill-attur direttament f'kont bankarju indikat mill-attur permezz ta' *standing order*.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri AC tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tordna illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-attur missier;**

2. **Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tordna illi r-rikorrenti jista' jiehu wahdu d-decizjonijiet *<u>kollha</u>* rigward il-minuri AC inkluz, izda mhux limitatament it- tigdid tal-passaport tal-minuri u l-gbir tieghu mill-Awtoritajiet kompetenti;**

---

[2] Vide Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja deciza mill-Prim Awla (Citazz 154/1994)

3. **Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimata thallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-iben il-partijiet, liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimata mill-ispejjes edukattivi u medici. Il-Qorti tordna illi dan l-ammont ghandu jigi versat permezz ta'** ***standing order*** **lill-attur direttament f'kont bankarju indikat mill-attur;**

4. **Tordna illi kwalunwke beneficcju socjali jew ghajnuna socjali relattivi ghall-minuri imsemmi ghandha tigi ppercepita unikament mir-rikorrenti missier;**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**

*U b'digriet tas-16 ta' Marzu 2022, il-karta tal-identita tal-intimata ghandha taqra X

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**